MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 392/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**
**Vs**

**Anthony Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xhur qabel il-21 ta’ Dicembru, 2000, bhala detentur jew amministratur ta’ bini taht kostruzzjoni fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ kwantita’ t’ilma ghad-dannu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont, liema ammont ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 28A, 261, 263, 264, 267 u 270 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tmien (8) xhur sospiza ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar millum.
Ordnat ukoll li ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-appellant ihallas is-somma ta’ hames mitt lira w tnax-il lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM512.41) lil Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma w dan sa zmien sitt xhur.
B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar ihallas is-somma ta’ tlieta w sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centenzmi (LM63.71) li huma l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ l-esperti f’din il-kawza.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-appellant l-import tas-sentenza w l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib lill-appellant mhux hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu w tilliberah minn kull htija w imputazzjoni kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- A. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u zbilancjat tal-fatti w tal-provi in kwantu nghata piz sostanzjali lill-evidenza ta' xhud wiehed illi kien il-persuna illi nqabad jikkommetti l-fatt materjali tar-reat in kwistjoni u B. Li kien hemm konkluzzjoni ta' htija ghall-kommissjoni ta' reat da parti ta' l-appellant bhala awtur ta' reat li gie materjalment kompjut minn terz u dan nonostante l-mankanza ta' evidenza fil-grad li trid il-ligi.

Rat id-Digriet Taghha tal-10 ta' Jannar, 2008, li bih iddikjarat l-appell dezert peress li l-appellant naqas li jidher f' dik l-udjenza.

Rat ir-rikors tal-appellant tal-11 ta' Jannar, 2008, li bih talab li l-kawza terga tigi ri-appuntata ghar-ragunijiet fih imsemmija;

Rat id-Digriet Taghha tal-14 ta' Jannar, 2008, li bih regghet appuntat il-kawza ghas-17 ta' Jannar, 2008;

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2008;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti fuq il-provi li jinsabu traskritti fil-process. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawla setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *“safe and satisfactory*” fid-dawl tar-rizultanzi.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija raggunta minnha.

Ikkonsidrat;

Li mill-provi traskritti jirrizulta abbondantement li l-appellant kien inkarika bhala sub-appaltatur tieghu lil certu Sirjan Hamieda Anwar biex jaghmel xoghol ta' kisi fuq blokk bini li kien qed itella' go Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar. Fil-21 ta' Dicembru, 2000, kienu marru fuq il-post Emmanuel Cumbo u Francis Spiteri, impjegati tal-Water Services Corporation u skoprew li  mqabbad mal-*main service* tal-ilma li kien ghaddej fuq il-bankina quddiem l-

istess fond, kien hemm *reducer, elbow,u stop cock* li mieghu kien hemm *pipe* tal-*plasti*c li kien jitla' sal-ewwel sular minn barra w jibqa' sejjer go tank taz-zejt li kien fih l-ilma. Dak il-hin it-tank kien qed jintela'. Fuq il-post huma sabu lil Sirjan Anwar li kien qed jaghmel xoghol. Skoprew ukoll li din il-konnessjoni mal-ilma tal-main ma kienx fiha meter. Ghalhekk huma ghamlu rapport l-ghassa tal-Pulizija.

Meta Anwar xehed fl-atti tal-inkesta Magisterjali w sussegwentement ukoll quddiem l-Ewwel Qorti, hu qal li dik il-*connection* kien ghamilha hu b' *pipe* u viti li xtara hu stess. Qal ukoll pero' li madwar himistax qabel, meta hu kien ser jibda' jahdem f' dak il-blokk bini w kellu bzonn l-ilma biex ihallat il-materjali halli jibda' jkahhal, kien staqsa lill-appellant, li kien qed jaghraf prezenti fl-Awla, minn fejn kien ser igib l-ilma w l-appellant kien indikalu *stop-cock* li kien hemm fuq il-bankina quddiem il-faccata tal-blokk u qallu biex iqabbad minn hemm. Qal ukoll li hu ma kienx jaf li dan l-ilma ma kienx qed jigi registrat fuq ebda meter u assolutament ma kienx jaf li qed jaghmel xi konsum illecitu ta' l-ilma. (fols. 58 u 59)

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant qal *inter alia* li hu kuntrattur u f' Dicembru, 2000, kellu x' jaqsam ma kostruzzjoni ta' blokk ta' bini fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar. Hu kien tella' l-blokk u ried ilestieh u kien ta x-xoghol tat-tibjid lil Gharbi, li ma kienx jaf x' jismu. Kien ilu aktar minn xahar ma jersaq 'l hemm meta baghtu ghalih il-Pulizija. Mistoqsi mill-Ewwel Qorti kif kien qed jghid li meta feda' dan ix-xoghol f' idejn Gharbi li lanqas biss kien jaf min kien, hallieh jaghmel ix-xoghol hemmhekk wahdu minghajr ma lanqas biss mar darba wahda biex jara x' kien qed jaghmel, l-appellant wiegeb *:"Nghid kellna hafna xogholijiet u ma stajtx immur nara x' qed jaghmel."*

In kontro-ezami, l-appellat qal : *"Ma kellix ghalfejn napplika ghal meter tal-ilma f' dak l-istadju ta' kostruzzjoni li kien fih il-blokk tal-bini. Jien kont responsabbli ta' dak il-blokk tal-bini pero'."* (fols. 67 u 68)

Ikkonsidrat;

Illi mill-access kondott mill-espert nominat mill-Qorti, mill-fotografiji esebiti fil-process u anki mill-verbal registrat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2008, jirrizulta li Anwar kien qabbad il-*pipe* tieghu mal-kanna li kien hemm fuq il-bankina, mal-fergha li tidhol ghal gol-fond li kien twaqqa' w rega' nbena.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-waqt li ma hemm xejn li ma jitwemminx fix-xiehda ta' Anwar meta jghid li kien l-istess appellant li indikalu minn fejn irid iqabbad biex jiehu l-ilma, tara li l-versjoni tal-appellant li ta xoghol ta' sub-appalt lil Gharbi li ma jafux u lanqas biss mar fuq il-post tax-xoghol biex jara dan l-Gharbi x' kien jaghmel ghal xahar shih, hija assolutament inverosimili, improbabbli w mhux kredibbli. Bhala kuntrattur ta' esperjenza b' *"hafna xogholijiet"* imissu kien evidenti ghalih li ghax-xoghol, ta' kisi u tibjid, Anwar kien ser ikollu bzonn kontinwament kwantita' ta' ilma biex ixarrab, ihallat il-kisi w jbajjad u li ghalhekk ma setax jimmagina li dan l-ilma kien ser jaqa' mis-sema. Kien ghalkhekk aktar milli probabbli li l-ewwel haga li kien ser jistaqsieh l-Gharbi kien minn fejn ser igib l-ilma, kif xehed l-istess Anwar li fil-fatt kien ghamel.

Illi mbaghad meta wiehed jara sew ir-ritratti esebiti (Dok. A1, A2 u A3 a fol. 17) jidher car li Anwar kien jaf ezatt fejn ghandu jsib il-kanna li kienet tohrog mill-main u taghti fid-direzzjoni tal-fond u ma kellux ghalfejn joqghod ihaffer biex ifittex wisq ghaliha w dan jindka li x' aktarx dan il-post gie indikat lilu minn xi hadd li kien jaf il-post sew.

Kollox ma kollox din il-Qorti, bhal Ewwel Qorti, tara li wiehed jista' ragjonevolment jistrieh fuq il-versjoni ta' Anwar li kien l-appellant li indikalu ma fejn ried iqabbad biex jiehu l-ilma w li qallu biex jiehu minn hemm. Ghalhekk l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti fuq din ic-cirkostanza ma jidhirx li kien zbaljat kif qed jippretendi l-appellant.

Illi l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li x-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova

shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda  jew aktar.

Illi umbaghad bl-emendi ghall ghall-artikolu 639 (3) Kodici Kriminali, introdotti bl-Att XVI tas-sena 2006, li, bhala emendi ta' natura procedurali, jidhlu fis-sehh anki fil-konfront ta' proceduri penali in korso, ma baqghetx mehtiega l-korroborazzjoni b' xi cirkostanza materjali tax-xhieda tal-komplici li jkun l-uniku xhud kontra l-akkuzat. Igifieri, anki jekk stess Anwar kellu jigi konsidsrat bhala li kien l-awtur materjali tar-reat tas-serq tal-ilma, x-xiehda tieghu ma tinhtiegx korroborazzjoni.

Umbaghad irrizulta abbondantement mill-istess xhieda tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti li hu <u>kien responsabbli mill-fond</u> in kostruzzjoni fejn kien qed jintuza l-ilma mhux *metered.*

Illi kif gustament irrilevat l-Ewwel Qorti l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li:-

*"Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma, …jew tal-meters taghhom …jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma…jew li bihom jista' jwaqqaf, jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f' idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur, jew mezzi qarrieqa, jaf b' dan l-uzu jew konsum ta' ilma…"*

Dan is-sub-inciz ghalhekk jinverti l-oneru tal-prova li ma kienx jaf li qed jinsteraq l-ilma fuq l-appellant akkuzat. L-appellant b' ebda mod ma skarika l-oneru tal-prova hekk mitfugh fuqu.  Anzi kollox jindika li mhux biss kien jaf bis-serq tal-ilma, imma addirittura kien ordnah jew gieghlu jew ta' istruzzjonijiet jew sahhah il-volonta ta' Anwar biex jiehu l-ilma minn hemm hu stess.

Stabiliti dawn il-fatti, din il-Qorti investiet il-kwistjoni legali sollevata fit-tieni aggravju tal-appellant. L-abbli avukat

difensur tal-appellant, Dottoressa Mercieca qed tissottometti li ladarba l-att materjali tas-serq tal-ilma ma sarx minnu imma minn terz, hu qatt ma seta' jinstab hati skond l-akkuza.

Illi hawn l-appellant ghandu ragun ghaliex il-fatti rizultanti ma jirrenduhx hati tar-reat ta' serq bhala awtur materjali. Pero' l-appellant qed jinjora ghal kollox l-istitut tal-komplicita'. Skond l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jitqies bhala komplici f' delitt kull min ikun ta' ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt jew ikun gieghel jew ta istruzzjonijiet biex isir id-delitt jew ikun xewwex lil haddiehor jew sahhah il-volonta' tieghu biex jaghmel id-delitt.

Illi umbaghad meta ma jigix pruvat li l-akkuzat , jew xi wiehed mill-akkuzati, kien l-awtur jew wiehed mill-awturi tar-reat li bih ikun akkuzat izda jigi pruvat li kien komplici , hu jista' jinstab hati ta' komplicita'.

Din il-Qorti hija altru milli sodisfatta li bl-agir tieghu l-appellant kien irrenda ruhu komplici fit-tehid illegittimu tal-ilma, billi ta ordni jew istruzzjoni biex l-ilma jittiehed minn hemm.  Illi hu manifestament kien jaf li ma kienx hemm meter tal-ilma f' tarf il-fergha li mill-*main* kienet tispara fid-direzzjoni tal-fond li kien f' idejh u ghalhekk meta ta din l-ordni jew istruzzjoni li Anwar, l-appellant  kien pjenament konsapevoli li kien qed jirrendi ruhu komplici f' serq ta' ilma.

Illi mbaghad, skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali, l-komplici f' delitt jehel il-piena stabilita ghall-awtur, ghalhekk l-effett prattiku ta' dan l-aggravju mhux li timbidel il-piena jew ahjar il-provvediment tas-sentenza sospiza erogata fil-konfront tal-appellant u l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-provvediment ghandu jibqa' jreggi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tar-reat kontinwat ta' serq ta'

ilma, liema serq hu kwalifikat bl-aggravanti tal-hin, tal-mezz u tal-ammont li ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (LM500) u minnflok, issibu hati ta' komplicita' fir-reat kontinwat ta' serq ta' ilma, liema serq hu kwalifikat bl-aggravanti tal-hin, tal-mezz u tal-ammont li ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (LM500) (ekwivalenti ghal elf, mija u erba w sittin Ewro u disa' w sittin centezmu ta' Ewro - Eur.1164.69c) u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------